

## Temi ewlenin fil-poeżija ta' Pawlu Aquilina

Dr. Mark Said

Il-flessibiltà tal-poeta Pawlu Aquilina tidher biċ-ċar fil-poeżiji tiegħu miġburin fil-Monografija. Dan għaliex imiss diversi temi li jgħaddi kemm jgħaddi żmien jibqgħu attwali. Fost it-temi ewlenin hemm dik soċjali, dik ta'tiġrib il-ħajja, tan-natura, kif ukoll tal-fidi u r-reliġjon.

Fit-tieni poeżija tal-Monografija Aquilina jikkritika lil dak il-Malti li wettaq att ta' vandaliżmu fuq wirt artna. Il-poeta jqabbel dak l-att vjolenti fuq it-tempji tal-Imnajdra mat-tbatija u l-kefrija li għadda minnha Kristu nnifsu: "Qamar tal-Ġimgħa l-Kbira, żewġ Kalvarji ġibtilna illum... ..."

Iħoss li l-vandaliżmu fuq art twelidu huwa meqjus bħala skandlu, nuqqas ta' rispett kontra missirijietna li bnew dak it-tempju bl-għaraq ta' xbinthom u ħallew wirt storiku u arkitettoniku uniku fuq wiċċ din id-dinja. Għaldaqstant il-poeta qed jitlob ħaqq minn dak l-'Iblah' li "f'ħakma/ ta' mibegħda bla rażan f'dagħdigħa/qala' ħaġar il-qima minn artalu". Il-poeżija Progress ukoll titkellem dwar qerda, din id-darba dik siekta li sseħħ fuq l-ambjent naturali. M'għandniex il-bniedem li direttament qed ikisser il-madwar iżda l-bniedem li indirettament qed jattakka l-madwar bl-avvanz teknoloġiku. Fin fin qed jiddisintegra dak kollu li hu naturali izda minħabba li jagħmel il-ħajja iżjed faċli, ħadd ma jirribella ħlief il-poeta li bid-demgħa tiegħu jikteb ħsibijietu bħala l-mafkar tal-imgħoddi. Fejn qabel il-ħajja kienet iktar kalma, "kollox bil-mod il-mod", illum il-ġurnata kollox "... ..mtajjar u jirbombja". Ir-rutina mgħaġġla ta' kuljum tħalli lil dak li jkun bla nifs. L-elementi tradizzjonali ntesew u ħadulhom posthom il-mutur li f-dan il-każ jirrappreżenta l-progress li d-dinja għamlet.

Aquilina jittratta ukoll suġġetti izjed personli bħalma jagħmel f'Il- Wied Għaddej, Wiċċhom u Ħanina. Fl-ewwel poeżija n-natura tintuża bħala l-punt tat-tluq fejn bħall-wied li l-ilma dejjem jgħaddi minnu, il-ħajja hija kontinwa u jispiċċa "... ...bħal erwieħ mitlufa." Jikteb ukoll:

"U l-wied għaddej... ... (...) żomm sħiħ, ħabib, qabbad subgħajk mal-blata".

Iż-żewġ poeżiji l-oħra huma tnejn mill-iktar kuntrastanti li hemm f'din il-ġabra ta' poeżiji. Wiċċhom hija poeżija

attwali ħafna għaliiex titkellem fuq l-abort u l-użu tat-teknoloġija biex tinqered tarbija innoċenti. Hemm żagħżugħa li kull darba li nisslet ħajja f'ġufna, "qerditha/biex tibqa' ħielsa hi." Madankollu, Aquilina jisħaq li dik it-tfajla li tiċċappas bid-demm ta' tarbija fraġli u safja, "Wicc Alla" ma tarahx għax id-dnub ma jmut qatt. Mill-banda l-oħra f'Ħanina nsegwu l- ħajja utopika bejn iben u omm, rabta speċjali tant li l-omm tagħti lilha nnifisha kompletament lil uliedha. "L-imħabba, hena, ferħ u sliem" jiksru l-ħaqq li t-trabi jridu minn dik l-omm li ma ħallithomx jieħdu l-ewwel nifs. L-omm ideali hija dik li ħadd u xejn ma jkisser imħabbitha, lanqas il-mewt:
"Nibqa' nħobbok mis-smewwiet"

Wieħed jista' japprezza l-fatt li minħabba li Pawlu Aquilina kien mis-Siġġiewi, kellu rabta speċjali man-natura li kiber id f'id magħha. Huwa jiddeskrivi ġnien li kif jindika t-titlu nnifsu jinsab fir-raħal tiegħu stess, "Fil-Ġnien ta' Tarf ir-Raħal". Bil-vers tar-riflessjoni l-poeta jisħaq li anke wara mewtu jixtieq li jibqa' magħqud mar-raħal li dejjem ħabb u li kif jgħid hu "trabbejt u għext ġo fihom….." Għalih il-mewt mhix tmiem iżda serħan u bidu ta' vjaġġ ġdid, isbaħ minn ta' din id-dinja:
"ngħix Ħajja ġdida li jlaqqamni biha fiż-żerniq, bħal ġenna oħra bla tmiem!"

Fi Tlugħ ix-Xemx imbagħad Aquilina jagħtina dinja kromatika differenti. Din id-darba l-ħmura "bħall-ġamra fin-nar" tiddomina l-ħajja naturali. Ix-xemx hija meqjusa bħala s-sultana li bis-sħana tagħha tagħti l-enerġija lil kull ħlejqa. Lil Pawlu Aquilina l-miraklu tal-bidla jaffaxxinah:
"u tinbidel il-gżira Maltija

Filwaqt li matul il-lejl in-natura tkun rieqda, hekk kif irraġġi tax-xemx jisbqu s-sema sewda b'kulur ħamrani, innatura tieħu l-ħajja, l-għasafar ipespsu bħal "ħabbara tassliem" u n-narċis u l-klin jibdew ifewħu. Il-baħar huwa mezz importanti għall-Maltin u ta' dan Aquilina jieħu nota ta' dan u jikteb poeżija dwar il-baħar, dak li kien parti mill-istorja ta' pajjiżna, dak li ġab lil bosta ħakkiema fi xtutna iżda li ġab it-tama anke permezz tal-konvoj ta' Santa Marija:
"… …hemm qalbi tistrieħ u tinfetaħ
għal ħajja oħra bla niket ta' xej' "

Aquilina jħossu jitwaħħad ma' dak kollu li għandu x'jaqsam man-natura u f'dak il-ħin bħal Dun Karm filpoeżija Il-Ġerrejja u Jien jidħol fih innifsu u jinsa t-tradimenti li offrewlu ħutu l-bnedmin l-oħra:
"Rajt kull xewka ta' ħajti titwarrad
u l-lejl iswed jinbidel fis-sebħ."

Il-fidi u r-reliġjon ukoll jagħmlu parti mill-wirt storiku ta' din id-daqsxejn ta' gżira. Fil-poeżiji Aquilina jidher bħala nisrani konvint. F'Meta huwa jisħaq li l-Mulej huwa biss "tjubija", "ħlewwa", "utiq" u "bnin". Meta jħossu fid-dubju jew fid-dlam jaf li hemm spalla li tista' toffrilu faraġ u din lilu timlieh bit-tama

u l-kuraġġ:
"Meta nagħma, Mulej,
nissaħħar bil-milja ta' ġmielek!
Meta nittarrax, Mulej
iddub qalbi fil-ħlewwa moħbija
ta' leħnek safi."

### *Il-Komponiment tal-Poeżija*

Fil-poeżija l-oħra Bejn Ħajta Dawl u Dlam ukoll naraw lil Aquilina jagħti kuraġġ lil dak li jħossu magħkus bilproblemi. Jgħid li meta jħossu hekk, wieħed għandu jiftakar f'dak li ssammar, bata u miet għalih. Hu biss jista' joffrilu l-faraġ:
"f'ruħek, f'qalbek, f'demmek u f'ħajtek
ma ssibx isbaħ
ma ssibx oħla
dawl minn dan."

Huwa dan il-kuraġġ li għandu bżonn il-poeta nnifsu fil-poeżija Aghtini Fanal Jixgħel. Il-ħajja hija mifhuma bħala triq iebsa li twassal sakemm il-bniedem jieħu l-aħħar nifs ta' ħajtu u hawnhekk Aquilina qiegħed jitlob l-għajnuna tal-fidi f'Alla biex tgħinu jasal għal dan il-mument fis-sliem u l-paċi magħqud m'Alla. Huwa dan li f'din il-poeżija qiegħed jitlob:
"bid-dawl tal-fanal jixgħel li tagħtini
li jwassalni sa ħdejk fejn irrid nasal."

Il-poeta huwa bniedem bħall-oħrajn u bħal kulħadd jgħaddi minn mumenti ta' tensjoni u tiġrib. Fil-poeżija Demgħa,* Aquilina jistqarr il-weġgħa tiegħu meta ħadd ma jifhem il-poeżija u l-għanja tagħha. Iħoss li xi drabi l-bniedem ma jħobbx sinċerament iżda bħalma Ġuda biegħ lil Kristu b'bewsa, hekk ukoll il-poeta jħoss li jittraduh:
"…… ma jinbiegħx bil-bews….."

Pawlu Aquilina jħossu eqreb man-natura milli malbniedem. Madankollu huwa dan l-uġigħ li jispirah biex toħroġ il-poeżija minn qalb il-poeta:
"Ħallieha mela d-demgħa li qed tislet
minn qalbek niket li ġarrabtu jien
taqa' fuq qalbi biex ġo qalbi nħollha
f'warda li tikber tfewwaħ fil-widien".

Il-ħajja hija rigal u għalhekk wieħed irid japprezzaha u jieħu ħsiebha, għax bħat-"tren iżomm il-ħin". Il-ħajja hija mifhuma bħala vjaġġ li fih erba' stazzjonijiet: it-tfulija, iż-żgħożija, l-adultezza u, l-aħħar stazzjon, dak tax-xjuħija. Pawlu Aquilina jħossu li wasal f'dan l-istazzjon aħħari. Il-mewt hija destin li kulħadd irid jgħaddi minnu iżda kif jgħid fil-poeżija, "X'ħin jiftefa l-Musbieħ", Aquilina ma jibżax minnha għaliex għandu fidi f'Alla. Anki jekk il-mewt hija pass fil-baħħ il-fidi tgħin lil dak li jkun biex jagħmlu b'ċertezza:
"Mma qalbi ma tirtogħ'dx."

Pawlu Aquilina jsib is-serħan fil-poeżija u żgur li l-episodji li jgħaddi minnhom hu jgħaddi minnhom ukoll il-qarrej. Għaldaqstant il-poeżija toffri tagħlim ta' kif wieħed jiffaċċja l-ħajja, kif ukoll toffri kuraġġ biex wieħed ma jaqta' qalbu qatt.